# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 282/2008/2 AGV**

**Natashia Suda**

**v.**

**Ottavio Suda**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-appell tal-konvenut mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Mejju 2019 dwar talba għal separazzjoni personali, li nbidlet f'talba għal divorzju.

2. Rat l-atti tal-prim' istanza minn fejn jirriżulta:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2008, l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

*"1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Ottubru, 2001, certifikat taz-zwieg hawn anness.*

*"2. Illi miz-zwieg taghhom huma ghandhom zewgt itfal subien, Rico li twieled fit-28 ta' Awissu, 2003 u llum ghandu erba' snin u Luca li twieled fit-13 ta' Marzu, 2007 u llum ghandu sena u tlett xhur, certifikat tat-twelid hawn annessi.*

*"3. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti f''adulterju, eccessi, sevizzi u offizi gravi, fil-konfront ta' martu l-attrici.*

*"4. Illi ma jidhirx illi hemm tama ta' rikonciljazzjoni u ghalhekk qiedgha ssir din il-kawza.*

*"5. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni.*

*"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

*"1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut stante l-adulterju, eccessi, sevizzi u offizi gravi fil-konfront ta' martu l-attrici.*

*"2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Rico u Luca f'idejn ir-rikorrenti.*

*"3. Tiffissa access lil konvenut taht supervizjoni jekk ikun mehtieg fl-interess tal-istess minuri Rico u Luca Suda.*

*"4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghaz-zewg minuri retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u tordnalu jhallas l-ispejjez kollha tal-minuri inkluzi dawk tas-sahha u edukazzjoni.*

*"5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"6. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut.*

*"7. Tordna lill-konvenut jikkonsenja l-oggetti parafernali tal-mara.*

*"8. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubtiha u cioe' Bonnici.*

*"Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."*

2.2. Permezz ta' tweġiba ġuramentata ppreżentata fit-8 ta' Awwissu 2008,[1] il-konvenut wieġeb:

*"1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali mhix opposta b'dan pero' illi t-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg ma huwiex unikament imputabbli lill-konvenut.*

*"2. Illi t-tieni talba hija opposta fis-sens li l-kura u kustodja tat-tfal minuri Rico u Luca ghandha tkun wahda konguntiva.*

*"3. Illi t-tielet talba hija opposta fis-sens illi l-access li jinghata lill-konvenut m'ghandux ikun taht supervizjoni izda ghandu jkun liberu.*

*"4. Illi r-raba' talba attrici ghall-hlas tal-manteniment hija opposta billi attrici m'ghandhiex il-kura u kustodja tat-tfal u talli hija logikament u guridikament anterjuri ghall-hlas ta' manteniment.*

*"5. Illi l-hames talba hija opposta stante l-fatt illi z-zwieg tfarrak irrimedjabilment mhux ghal tort imputabbli biss lil konvenut izda anke tort imputabbli lill-attrici u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici.*

*"6. Illi fir-rigward tas-sitt u s-seba' talba ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhix opposta b'dan pero' illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attrici.*

*"7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

2.3. B'rikors tas-26 ta' Ottubru, 2018, il-konvenut talab lill-Qorti tal-prim'istanza tqis it-talba ta' separazzjoni personali bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, liema talba ġiet milqugħa fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019 peress li ma kienx hemm oppożizzjoni da parti tal-attriċi;[2]

[1] Fol. 18.
[2] Fol. 791.

2.4. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Mejju 2019 ġie deċiż is-segwenti:

> *"Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-*
>
> *"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara d-divorzju bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli eskluzzivament lill-intimat li rrenda ruhu hati ta' adulterju konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment;*
>
> *"2. Tilqa' t-tieni talba;*
>
> *"3. Tilqa' t-tielet talba b'dan li l-access ghall-intimat ghandu jigu ezercitat, kif fuq irrakkomandat;*
>
> *"4. Tilqa' r-raba' talba u tiffissa retta alimentari ghar-rikorrenti fis-somma ta' €250, filwaqt ghall-minuri Rico u Luca ghandha tithallas is-somma ta' €600 fix-xahar mill-intimat, flimkien mal-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha u dan sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu jew sakemm jaghlqu 23 sena jekk ikunu ghadhom qed jistudja u m'ghandhomx impjieg full time.*
>
> *"5. Tilqa' l-hames talba u tordna l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 55 tal-Kap.16 jigu applikati kontra l-intimat.*
>
> *"6. Tilqa' s-sitt talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni skond dak deciz fis-sottotitoli msemmija aktar 'l fuq;*
>
> *"7. Tilqa' s-seba' talba u tordna li kwalsiasi oggetti parafernali jigu kkonsenjata lir-rikorrenti minkejja li ma sarux prospetti biex jigu ddentifikati dawn l-oggetti.*
>
> *"8. Tilqa' it-tmien talba u tordna li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubithau cioe' "OP."*
>
> *"Bl-ispejjez kontra l-intimat.'*

3. Rat illi b'rikors preżentat fit-28 ta' Mejju 2019 il-konvenut appella mis-sentenza u ilmenta li:

3.1. l-Qorti tal-ewwel grad allegatament għamlet apprezzament manifestament ħażin tal-provi li kellu konsegwenzi diretti fuq l-ewwel, it-tielet u s-sitt kap tas-sentenza appellata;

3.2. l-ewwel Qorti ma kellhiex tattribwixxi l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ esklussivament lilu;

3.3. huwa ma kellux jiġi ordnat iħallas manteniment lill-appellata b'mod indefinit;

3.4. l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tat-tfal għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, mhux jagħmel tajjeb għalihom waħdu kif deċiż mill-ewwel Qorti;

3.5. dwar ir-retta alimentari dovuta għat-tfal wara li jagħlqu t-18-il sena, is-sentenza appellata mhix ċara u f'kull każ il-Qorti ma kelliex il-fakoltà tiffissa u takkorda retta alimentari wara li t-tfal jilħqu l-eta` maġġorenni; u illi

3.6. l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti saret ħażin.

4. Rat illi l-appellata wieġbet illi l-aggravji tal-appellant huma infondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-appellant.

<u>Konsiderazzjoni.</u>

*L-Ewwel Aggravju – l-Apprezzament tal-Provi.*

5. Fis-sentenza appellata jissemmew il-fatti:

*"1. Il-partijiet iltaqghu fis-26 ta' Lulju, 1998. F'dak iz-zmien tal-gherusija, ir-rikorrenti kienet tahdem bhala skrivana mal-Airmalta, imbaghad kompliet tavanza fl-inkarigu taghha u sahansitra kienet anke kompliet tistudja u kienet kisbet id-Diploma fis-sena 1999, filwaqt li l-intimat kien jahdem gewwa barriera mal-kumpanija Rainbow Mix Concrete Limited.*

*"2. Il-partijiet kienu zzewwgu fil-5 ta' Ottubru, 2001. L-intimat kellu post tieghu Halman Court, 7, Ramon Perellos Str, San Pawl il-Bahar, li kien xtrah meta kellu tfajla ohra. Iddecidew li din kienet ser tkun id-dar matrimonjali u ghalhekk ir-rikorrenti tghid li l-ftehim kien li hi kienet se tixtri l-ghamara, l-appliances u thallas ghall-ispejjes li kien jehtieg ghall-manutenzjoni tal-fond peress li hadd ma kienu ghadu mar ighix fih. Isemmi li xtrat il-kcina bil-prezz ta' Lm4500, sufan, mejda minn Idea Casa ghall-prezz ta' Lm1500 u tghid ukoll li xtrat l-appliances kollha fosthom washing machine u tumble dryer. Il-verzjoni tal-intimat hija kontrastanti ghaliex jistqarr li l-ghamara kollha kienu xtrawha bejniethom u r-rikorrenti kienet biss gabet l-ispare bedroom li kienet gabitha mid-dar tal-genituri taghha.*

*"3. Ir-rikorrenti ssemmi li l-problemi bdew wara z-zwieg. Tispjega li l-intimat kien mohhu fil-"boys nights" u kien idum barra wara li jispicca x-xoghol u kien jixrob hafna, li hafna drabi kien jidhol id-dar fis-sakra. Ghalkemm fl-affidavit taghha ssemmi li zewgha kien ikun barra kuljum, in kontro-ezami ssemmi li dan kien jigri xi darbtejn jew tlett darbiet fix-xahar. Tghid li ma setghetx taccetta din it-tip ta' hajja mizzewwga u kienet tipprova kemm il-darba tiftahlu ghajnejh li kellu problema u li kien ahjar jekk ifittex ghajnuna professjonali. Issemmi li kien hemm incident fejn waqt argument kien imbuttaha u kienet kissret il-wrist u incident iehor fejn kien baqa' diehel bil-vettura taghha Suzuki Samurai go arblu tad-dawl ghax kien fis-sakra u l-vettura spiccat total loss. Imbaghad in kontro-ezami tbiddel il-verzjoni taghha u tghid li ma jidhirlix li mit-testijiet li saru zewgha kien taht l-influenza tax-xorb.*

*"4. Ghal darb'ohra l-partijiet jergghu ghandhom verzjonjiet totalment opposti ghal dak li jirrigwarda l-impjieg tal-intimat. Wara li telaq mill-impjieg tieghu mal-kumpanija Rainbow Mix Concrete Limited, ir-rikorrenti tishaq li l-intimat ma kien qalilha xejn u kien ippjana wara darha u fetah ristorant il-Waterfront, il-Belt Valletta. Tghid li l-intimat kien dahal shab ma' certu Mark Aquilina u flimkien iffurmaw ilkumpanija Innovative Entertainment Limited li kienet tiggestixxi rristorant li kienu semmewh "Heat," post li r-rikorrenti tiddeskrivih bhala bar bit-tfajliet jizfnu u strippers meta kienu jaghlqu l-bibien. In kontro-ezami tghid li hi qatt ma kienet rat lil dawn in-nisa imma xehdet fuq dak li kienu qalulha n-nies, pero' nies li kienet temmen ghax kienu jinzlu hemm apposta. Tbiddel il-verzjoni taghha u tghid li ma kinux nisa li kienu jenzghu, izda kienu jilbsu b'mod indicenti. Tishaq li kien ristorant bin-nhar, ghax kemm il-darba kienet tiekol hemm il-Hdud mal-familjari taghha, izda tghid li mbaghad wara nofs il-lejl kien jinbidel f'nightclub.*

*"Tghid li mbaghad meta twieled it-tieni wild taghhom, l-intimat u l-business partner tieghu kienu xtraw art li kienet tiswa' Lm300,000 f'San Giljan u eventwalment xtraw tlett bars "The Alley," "The Edge Bar," u "Buddha Bar" kollha f'Paceville u tishaq li tal-ahhar ried jikkonvertih f'gentleman' s bar. In kontro-ezami, ir-rikorrenti tghid li xehdet fuq dawn l-assi, minn dak li kien qallha zewgha l-intimat, izda qaghdet fuq kellmtu ghax qatt ma kienet rat xi kuntratt u li lanqas qatt ma kien talabha ghal xi firma u lanqas qatt ma kienet tatu prokura. Tkompli tghid li ma kien jaghti soddisfazzjon ta' xejn anke jekk kienet tipprova ssaqsih. Ir-rikorrenti ghal darb'ohra terga' tkun inkonsistenti fix-xhieda taghha meta tghid li l-intimat huwa l-importatur ewlieni tal-Vodka Roberto Cavalli u jissupplixxi lill-maggorparti tal-bars f'Paceville u tghid li jsuq van kbir bl-isem talhanut "Heat." Ir-rikorrenti tibqa' tinsisti li jekk wiehed jipprova jivverifika li l-intimat huwa s-sid ta' dawn il-bars jew in-negozju msemmi ma kien ser jirrizulta xejn. Tikkonferma li hu kien qallha b'dan kollu, pero' qatt ma kienet ivverifikatu.*

*"Il-verzjoni tal-intimat hija pjuttost differenti u kkonfermata mix-xhud Mark Aquilina li kien il-business partner tal-intimat. Ighid li ghal bidu kien jahdem go barriera u qatt ma kien falla gurnata xoghol u kien dejjem ha l-paga d-dar, ghaliex ighid li r-rikorrenti ma xtaqitx tmur lura tahdem wara li kellha l-ewwel tarbija. Kien biss meta Rico, l-ewwel wild ghalaq sentejn li, flimkien ma' Marc Aquilina, kien dahal mieghu b'1.5% shareholding fil-kumpanija Innovative Entertainment Limited u kien direttur tal-istess kumpanija biex hadu l-post "Heat" gewwa l-Valletta Waterfront u beda jahdem bhala manager hemmhekk u kien ghadu sal-lum. Jichad li qatt kien hemm strippers gewwa dan il-lokal. Ighid li huwa ristorant ghall-familji u jkun hemm hafna tfal. Jichad ukoll illi huwa sid ta' hames bars kif tallega r-rikorrenti. Ighid li "The Edge" kien ta' Mark Aquilina u kien jahdem hemm bhala manager gieli generalment fl-"off days" tieghu u biex jaghmel pjacir lil Aquilina. Ighid li kien jithallas mis-socjeta' Innovative Entertainment Limited. Il-bars "The Alley" u "The Edge" qatt ma kienu jappartjenu lilu. Dwar is-socjeta' "Innovative Creations Limited" ighid li din kienet timporta x-xorb, u ghalkemm ma kienx involut f'dan ix-xoghol kellu "minor shareholding."*

*"Minkejja li l-intimat jichad li kellu xi argument ma' Mark Aquilina, ighid li kien hemm xi dizgwid u kienu ddecidew li hu jibqa' jiggestixxi il-"Heat Bar & Restaurant," filwaqt li Aquilina jiehu hsieb "The Edge" u "The Alley."*

*"L-intimat jikkonferma li llum huwa manager ta' "Pepe Nero" u jithallas mis-socjeta' Suda Entertainment Limited, li hija s-sid tar-ristorant "Pepe Nero" u jaqla' cirka €22,000 gross fis-sena. Ighid li "Pepe Nero" ghandha management agreement ma' kumpanija ohra. Jispjega li Suda Entertainers Limited hija kumpanija li tappartjeni lill-missieru u fl-2010 ighid li l-kumpanija kienet ilha li twaqqfet sentejn u kienu ilu mpjegat maghha ghal dawn is-sentejn. Ighid li missieru huwa l-uniku azzjonist f'din il-kumpanija.*

*"Dwar dawn il-fatti, missier l-intimat Joseph Suda jikkonferma li kien xtara ssehem ta' ibnu u Mark Aquilina fir-ristorant "Heat." Ma kienx jaf pero' meta twaqqfet is-socjeta' Suda Entertainers Limited u jekk kienx diga' jezisti n-negozju "Heat." Minkejja li kien jaf li ibnu kien jithallas minn din is-socjeta' ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma kemm kienet il-paga tieghu.*

*"Probabilment, il-fatti johorgu aktar cari meta jixhed Mark Aquilina stess. Hujikkonferma li kien ilu jaf lill-intimat meta kien jahdem maghhom bhala skrivan mas-socjeta' Debattista Debattista & Schembri Limited. Eventwalment ighid li fetah bar u restaurant gewwa l-Waterfront bl-isem "Heat" li kellha tigi gestita taht kumpanija "Innovative Entertainment Limited" fejn hu kellu 85% u l-intimat kellu jinvesti 15% fl-ishma meta ffurmaw il-kumpanija, izda peress li qatt ma hallas spicca li Aquilina ha l-ishma kollha u kellu 99%.*

*"Aquilina jikkonferma ukoll illi l-intimat ma kellu x'jaqsam xejn mal-bars "The Alley," li mbaghad sar "Puerto Rico" u "The Edge." Ighid li l-kirijiet qedghin ghandu u kien dahhalhom bhala assi fil-kumpanija li kellu peress li issa kien l-uniku azzjonist.*

*"Aquilina jkompli jikkonferma li meta hu u l-intimat iddecidew li jxolju l-partnership, kien sar diskors li l-intimat jiehu "Heat" pero' ma kellux flus biex jixtrih 'l barra, imma mbaghad kien dahal missieru u biegh "Heat" lill-missier l-intimat, Aquilina jishaq li ma setax jikkonferma jekk missier l-intimat kienx qed jagixxi f'ismu jew kienx qed jaghmel tajjeb ghall-ibnu, izda seta jghid li l-intimat gieli kien prezenti waqt in-negozjati li kienu jsiru bejniethom.*

*"5. Dwar l-adulterju tal-intimat, ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien ilu f'relazzjoni ma' certu Natasha Cassar, minn qabel ma kienet tqila bit-tieni wild. Tghid li kienet taf li f'Dicembru, 2007 l-intimat u Cassar kienu sejrin Milan, izda mbaghad kienu kkancellaw it-titjira.*

*"L-intimat jinnega li kkommetta adulterju. Ma tantx huwa konsistenti f' dak li jixhed peress li jghid li ilu jaf lil Natasha Cassar minn 2004 ghax kienet tahdem fil-fergha tal-Bank f'Hat-Attard. L-intimat imbaghad jinnega li kien maghha meta kien lanqas twieled it-tieni wild taghhom. Ighid li bdew johorgu flimkien ghall-habta tas-sena 2010 u kienu marru ghal ewwel safra taghhom f'Barcelona ma' grupp hbieb. Ighid pero' li hu lanqas qatt ma hallas ghal dawn ilvjaggi, izda dejjem kienet Natasha Cassar li hallset. Dan kollu gie kkonfermat minn Cassar stess.*

*"Meta xehdet l-istess Natasha Cassar fis-sena 2012, tikkonferma li kienet ilha taf lill-intimat madwar tnax-il sena, izda llum kienet f'relazzjoni mieghu pero' ma kinux ighixu flimkien. Tghid li bdew johorgu flimkien fl-ahhar tas-sena 2010. Kuntrarjament ghal dan, l-intimat jinsisti li m'ghandu relazzjoni ma' hadd u Natasha Cassar kienet biss habiba. Ighid li minn mindu ssepara minn ma' martu qatt ma kellu "dates" u lanqas relazzjonijiet.*

*"6. Il-partijiet ghandhom zewgt itfal Rico u Luca. Ir-rikorrenti tispjega li l-intimat ma tantx kellu pacenzja ghal mat-tfal u rabbiethom hi prattikament. Wara ftit li welldet it-tieni wild taghhom, Luca, kien qalilha li ma kienx ser imur ighix maghhom god-dar il-gdida fl-Iklin.*

*"Ir-rikorrenti tghid li kien ighamlilha hajjitha difficli bit-tfal, kien imur ighajjat wara l-bieb u jaghmel ix-xenati u hafna drabi kien ikun fis-sakra. Episodji bhal dawn kienu jigru u kellu impatt negattiv fuq it-tfal, tant li Rico kien itiha problemi biex imur ma' missieru, ghax jew kien jorqod jew ighajjat mieghu. L-istess kien gara bit-tifel iz-zghir Luca.*

*"Ir-rikorrenti tispjega li hafna drabi meta jiehu lit-tfal, qatt ma jgibhom lura fil-hin u kemm il-darba kien jitlobha biex tmur ghalihom. Kien differenti jekk jinserta t-tfal ghandhom il-futbol jew ikun hemm xi loghba u jmorru l-grawnd. Tghid li gieli kienet tivvinta xi skuzi biex ma ttihx lit-tfal peress li kienet ixommu riha ta' xorb. Kien hemm okkazzjoni meta t-tfal kienu mieghu u l-izghar wiehed, Luca kien wegga' ghax ma kienx ha hsiebu u spicca li kellu concussion.*

*"7. Ir-rikorrenti tispjega li l-intimat mhux konsistenti fil-hlasijiet tal-manteniment u kemm il-darba jaghmilha difficli sabiex ihallas il-pagamenti tat-tobba, spejjes relatati mas-sahha, kif ukoll spejjes ghall-uniformijiet u spejjes ohra relatati mat-tfal.*

*"Verzjoni kontrastanti hija dik tal-intimat. Jichad li huwa qatt kien vjolenti maghha u mat-tfal. Jichad li qatt kien ghajjat jew refa' idejh fuqhom. Ighid li kellhom it-tieni wild fuq insistenza tarrikorrenti, li fil-fehma tieghu kienet ingannatu ghax kienet waqqfghet il-pill bla ma kienet qaltlu.*

*"8. B'digriet tal-24 ta' Awissu, 2007, l-intimat gie ordnat ihallas manteniment ghar-rikorrenti fis-somma ta' Lm250 (ekwivalenti ghal €582.50), u Lm250 (ekwivalenti ghal €582.50) ohra ghall-minuri, minbarra l-ispejjes tal-iskola. F'dan id-digriet, il-Qorti ordnat li l-access ghandu jkun liberu.*

*"L-intimat jinsisti li m'ghandux ihallas manteniment lill-martu ghaliex tiggestixxi attivita' taghha billi tahmi l-kejkijiet ghan-nies u fil-fatt inkariga private investigator Isabelle Agius biex taghmel ordni ghall-kejk sabiex jikkonferma dan il-fatt. Ir-rikorrenti tinnega li kienet taghmel il-kejkijiet fuq bazi regolari, izda kienet taghmilhom biss ghall-hbieb u kienet tithallas taghhom cirka €30. L-istess L tikkonferma li kienet ordnat chocolate fudge cake ghall-prezz ta' €45 minghand ir-rikorrenti u sussegwentement kienet ordnat iehor. Tghid li r-rikorrenti kienet anke avzatha li kienet se tibda taccetta ordnijiet f'Novembru ghall-fruitcakes jew logs ghal zmien il-Milied. Ikkonfermatilha ukoll li ghal l-ghada kellha ordni ghal hames kejkijiet.*

*"9. Fix-xhieda taghhom il-partijiet isemmu zewg postijiet, il-fond bl-isem Hal Mann Court, Apt.7, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar kien*

*parafernali ghall-intimat. Imbaghad il-partijiet jikkonfermaw li kienu xtraw post iehor l-Iklin bl-isem "Lotus," Triq Censu Bugeja, Iklin, Huwa fatt mhux ikkontestat li f'dan il-fond ighixu r-rikorrenti u uliedha.*

*"L-intimat jikkonferma li qed ihallas id-dejn fuq l-istess post li jammonta ghal €616.02 fix-xahar, kif ukoll ighid li qed ihallas l-interessi li jammontaw ghal €3488 kull sitt xhur.*

*"10. Dwar kontijiet bankarji xehdet Audrey Ghigo, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. u kkonfermat li kien hemm zewg kontijiet, wiehed kien ghadu miftuh u dan kien Savings Account numru 061078481050, li nfetah fit-28 ta' Awissu, 2004 u dan kien ghadu miftuh u sat-22 ta' Novembru, 2010 kien fih bilanc ta' €31.83.*

*"11. Romuald Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li f'isem l-intimat kien hemm is-segwenti kontijiet li kienu ghadhom miftuhin:-*

*"i) Current account numru 102-0916601-0 fejn hemm bilanc ta' €2 (Dok.RA 1);*

*"ii) Current account numru 134-11822018 fejn hemm bilanc ta' €12.64 (Dok.RA 2);*

*"iii) Savings account numru 134-1182202-6 fejn hemm bilanc ta' €1.62 (Dok.RA3);*

*"iv) House Loan numru 4001039055-3 li fih zbilanc ta' €27,631.83 (Dok.RA4);*

*"v) Savings electronic account numru 40011031170 u fih bilanc ta' €14.42 (Dok.RA 5);*

*"vi) Savings account numru 40015658258 u fih bilanc ta' €2,292.60 (Dok.RA 9);*

*"vii) House Loan joint numru 4001598601-4 u fih bilanc ta' €101,599.79 (Dok.RA 10); skond Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat illi kien hemm bilanc ta' €115,028.18 u l-file kien jinsab ghand ir-recoveries peress illi ma kienx qed jithallas dan illoan.(Dok.JBZ).*

*"viii) House Loan joint numru 4001598667-4 u fih bilanc ta' €86,466.96 (Dok.RA 11); rigward dan il-kont fit-18 ta' Frar, 2016 xehdet Joanna Bartolo ikkonfermat li dan il-loan kien issa fih bilanc ta' €109,670.58, pero' tghid li dan il-file kien jinstab ghand ir- "recoveries," peress li lintimat ma kienx qieghed ihallsu. (dok. JB 1);*

*"ix) Savings account numru 400119047292 u fih bilanc ta' €16,674.34 (Dok. RA12).*

*"x) Joanna Bartolo, xehdet ukoll illi kellhom joint credit card loan li jgib in-numru 40021082672 u kien fih bilanc ta' €288.54 (Dok. JB 3);*

*"xi) Alan Camilleri spjega illi l-partijiet kellhom bridge loan li kellha tinqata' miz-zmien sentejn mill-bejgh tal-proprjeta' f'San Pawl. Ighid ukoll li kien hemm house loan b' pagamenti ta' €592.85 fix-xahar ghallperjodu ta' 33 sena.*

*"Jikkonferma ukoll illi l-ahhar depozitu li sar fuq il-bridge loan kien f'Ottubru, 2011 u sa dak iz-zmien kien sar ukoll hlas tal-imghaxijiet. Ighid li l-bilanc illum huwa €109,670.58, li jinkludi imghaxijiet.*

*"Fuq il-house loan jikkonferma li l-ahhar pagament kien f'Jannar, 2012 u qabel kien isir regolarment. Illum ighid li l-bilanc huwa ta' €115,028.18.*

*"Jikkonferma li minkejja saru tentattivi biex jithallsu dawn il-loans u fil-fatt kienu pprezentaw formal letter biex jinbdew proceduri legali l-Qorti fit-8 ta' Frar, 2016.*

*"Fuq kontijiet f'isem ir-rikorrenti ddikjara li s-segwenti huma l-kontijiet miftuhin:-*

*"i) Current account numru 4011073044 u fih hemm bilanc ta' €32.30;*

*"ii) Savings account numru 40017922720 u fih hemm bilanc ta' 21 euro cents.*

*"12.David Galea, in rapprezentanza tal-APS Bank Ltd. ikkonferma li rikorrenti kellha kont miftuh mal-istess Bank bin-numru 20001117399 u huwa kont savings (Dok. DG 1).*

*"13. Xehed Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tasSigurta' Socjali u kkonferma li r-rikorrenti tircievi children's allowance bir-rata ta' €18.87 ghaz-zewgt itfal u din tirrapprezenta nofs ir-rata dovuta lir-rikorrenti peress li ghandha kura u kustodja konguntiva.*

*"14. Xehdet Lea Gaffari li pprezentat il-Memorandum & Article of Association ta' Suda Entertainment Ltd C 43427 (Dok.LC1); ta' Innovative Entertainment Ltd. C 36032(Dok.LC2) u Innovative Creators Ltd. C40053 (Dok.LC 3).*

*"15. Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li l-vettura Golf TAV 100 hija registrata fuq l-intimat sa mill-4 ta' Ottubru, 2006. Rigward it-Toyota Van DBQ 118 dan huwa registrat fuq Suda Entertainments Ltd. li ghan-nom taghha kien qed jidher Joseph Suda u dan mit-30 ta' Mejju, 2008. (Dok.BF 1 u 2).'*

6. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta illi l-Qorti tal-ewwel grad għamlet apprezzament ħażin tal-provi li kellu konsegwenzi diretti fuq:

i. l-ewwel kap tas-sentenza appellata, ċioe` l-attribuzzjoni tal-ħtija;

ii. it-tielet kap tas-sentenza appellata, ossija l-likwidazzjoni tal-manteniment, sew għall-konjuġi kif ukoll għall-minuri; u

iii. is-sitt kap tas-sentenza appellata fejn ġiet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti.

7. Jilmenta illi l-ewwel Qorti mhux biss skartat għal kollox il-prinċipju '*incumbit probatio ei qui dicit non qui negat*' talli saħansitra ħadet deċiżjonijiet bażati fuq preżunzjonijiet rigward assi allegatament appartenenti lill-appellant li ma tressqet l-ebda prova dwarhom iżda ssemmew biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, *inter alia*, *Jessy's Bar*, *Pepe Nero* St. Andrews, *Pepe Nero* Veċċja f'San Pawl il-Baħar u l-vettura Fiat Abarth Sport (ROM100). Jinsisti ukoll li minn imkien mill-provi ma jirriżulta li r-ristorant *Heat* illum jismu *Pepe Nero* u li fil-fatt dak tal-ewwel kien jopera minn *Vault 16*, ġewwa l-*Waterfront* sas-sena 2017 filwaqt li *Pepe Nero* jopera minn *Vault 18* ġewwa l-*Waterfront* li huwa mikri lill-kumpanija oħra li tagħha la huwa u lanqas missieru ma huma azzjonisti iżda dik il-kumpanija għandha *management agreement* ma' *Suda Entertainments Ltd*, li tagħha l-konvenut hu mpjegat. Dwar il-ħtija

għat-tifrik taż-żwieġ, isostni li l-appellata ma ppruvat l-ebda waħda mill-allegazzjonijiet li għamlet filwaqt li huwa ipproduċa provi konkreti u dokumentarji li jikkontradiċu direttament dak li tallega l-appellata. Kompla li r-relazzjoni ma' Natasha Cassar bdiet lejn l-aħħar tas-sena 2010, sentejn wara li bdiet il-kawża u ma teżisti l-ebda prova oħra li l-istess relazzjoni tirrisali għal qabel, kif allegat l-appellata. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li bejn dak li huwa xehed fl-ewwel seduta tat-13 ta' Lulju 2010 u dak li xehed in kontro-eżami fit-12 ta' Lulju 2016 għaddew iktar minn sitt snin. Isostni li l-inkonsistenzi li tirreferi għalihom l-ewwel Qorti m'humiex inkonsistenzi iżda fatti li ġraw fit-trapass ta' żmien bejn testimonjanza u oħra. L-ewwel Qorti kienet għalhekk żbaljata meta qalet li x-xhieda tiegħu mhix kredibbli.

8. *Jessy's Bar*, *Pepe Nero* St. Andrews, *Pepe Nero* Veċċja f'San Pawl il-Baħar u l-vettura Fiat Abarth Sport (ROM100) jissemmew fil-konsiderazzjonijiet segwenti dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti:

> *"<u>NEGOZJU</u>*
>
> *"Dina l-Qorti qed taghmilha cara li bl-ebda mod ma temmen il-verzjoni tal-intimat li huwa biss impjegat mas-socjeta' Suda Entertainment Ltd. Fir-ristorant "Heat" illum "Pepe Nero" bhala manager, ristorant li jigi gestit mis-socjeta' fuq imsemmija, fejn l-uniku azzjonijist huwa missier l-intimat.*
>
> *"Missier l-intimat lanqas biss kien jaf bi preciz x'kien jisimha l-kumpanija u kemm jithallas l-intimat. Missier l-intimat, Joseph Suda ma kien qatt hadem fin-negozju tal-catering, kien hajjat. Mark Aquilina spjega b'mod konsistenti hafna li l-intimat kien investa 15% meta twaqqfet is-socjeta' Innovative Entertainment Limited, pero' peress li l-intimat ma kienx*

*wasal biex ihallas is-sehem tieghu, kien xtara l-ishma hu stess u kien konsegwentement dahhal il-kirja ta' l-Alley Bar u l-Edge Bar fl-assi tal-istess socjeta'. Aquilina jichad li l-intimat kien involut f'dawn il-bars, izda kien biss gieli jahdem ta' manager hemmhekk kemm il-darba kien hemm il-htiega. Mill-provi prodotti jirrizulta pero' li l-intimat kien direttur fis-socjeta' Innovative Entertainment Ltd. meta bl-effett mit-3 ta' Jannar, 2008 kien tnehha minn direttur u haga tal-iskantament infethet is-socjeta' Suda Entertainments Ltd. fid-29 ta' Jannar, 2008 gestita minn missier l-intimat, li maghha tal-ahhar kien impjegat.*

*"Kif diga' rrimarkat dina l-Qorti, Aquilina kien stqarr li kien hemm dizgwid bejniethom u kienu ddecidew li l-intimat jibqa' jmexxi l-istabbilment "Heat." Il-Qorti hija konvinta li wara t-twaqqif tas-socjeta' Suda Entertainers Ltd. m'hemm hadd hlief l-intimat, li juza' lill-missieru bhala pretiza sabiex jahbi minn u jisfrutta lir-rikorrenti u jcahhad lilha u lill-uliedha minn dak li haqqhom, u fl-istess waqt ikun jista' jgawdi mal-partner tieghu isiefer 'l hawn u 'l hemm f'postijiet anke 'l boghod.*

*"Is-sitwazzjoni legali rrapprezentata hija dik li hi u cioe' li l-intimat jirrispekkja biss bhala impjegat tas-socjeta' Suda Entertainments Ltd u torbot idejn il-Qorti biex tikkwantifika din is-socjeta' ai finijiet tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ingann assolut li dina l-Qorti mhux se thalliha tghaddi daqs li kieku ma gara xejn, kif ser jigi rilevat u kkunsidrat hawn taht aktar u aktar meta jirrizulta li s-socjeta' Suda Entertaiment fethet mhux biss "Pepe Nero (Waterfront), "Jessy's bar Pepe Nero, St. Andrews, kif ukoll hemm "Pepe Nero," il-Vecca , f'San Pawl.*

*...*

*"<u>VETTURI</u>*

*"Dwar il-vetturi jirrizulta li r-rikorrenti qed isuq Citroen Picasso, filwaqt li l-intimat qed isuq Mercedes u Fiat 500 Abarth Sports bin-numru ta' registrazzjoni ROM 500.*

*"Ghal darb' ohra dina l-Qorti tirrileva l-partijiet naqsu li jgibu prova tal-valur ta' dawn il-vetturi, ciononostante, anke mill-marki stess tal-vetturi, jidher li l-vetturi li jipposjedi l-intimat iqumu ferm aktar mic-Citroen li qed isuq ir-rikorrenti. Tenut kont ta' dan ghalhekk, tista' ssir ekwiparazzjoni mal-kreditu li ghandha tiehu r-rikorrenti ghall-flus li nefqet ghall-ghamara tal-fond f'San Pawl, kif gie stabbilit aktar 'il fuq."* (enfasi tal-Qorti)

9. Fit-tweġiba l-appellata argumentat li l-appellant għażel jigdeb dwar in-negozji tiegħu biex iċaħħadha minn dak li għandha jedd għalih.

10. In-negozju li mill-atti jirriżulta li l-appellant għandu involviment fih huwa *Pepe Nero, Waterfront.* In kontro-eżami,[3] fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2016, l-appellant xehed:

*"Dr Norma Vella Bardun: ... Tista' tgħidilna l-ewwel ħaġa llum il-ġurnata x'taħdem inti?*

*"Xhud: Għadni manager.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Ta' fejn?*

*"Xhud: Ta' Pepe Nero.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Inti kont għedt ukoll li l-introjtu tiegħek kien, kont tieħdu, il-paga inti kont titħallas mill-kumpanija tad-daddy, illum il-ġurnata l-introjtu tiegħek baqgħax l-istess?*

*"Xhud: Iva.*

*"Dr Norma Vella Bardun: U minn fejn titħallas?*

*"Xhud: Nitħallas minn Suda Entertainments Limited.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Tista' tispjega ftit il-Pepe Nero ta' min hu?*

*"Xhud: Huwa ta' Suda Entertainment, Pepe Nero għandha management agreement ma' kumpanija oħra.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Min għandu dan l-agreement?*

*"Xhud: Suda Entertainments u jien naħdem ma' dik il-kumpanija.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Jiġifieri inti għadek qed taħdem ma' din il-kumpanija. Qed tgħidilna.*

*"Xhud: Suda Entertainments Limited.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Minn barra dan il-Pepe Nero, l-ewwel ħaġa għandek xi ftehim li ħa jkun hemm xi Pepe Nero x'imkien ieħor?*

*"Xhud: Suda Entertainments ma għandiex ħwienet, just għandha management agreement ma' third party oħra.*

[3] Fol. 253 *et seq*.

*"Dr Norma Vella Bardun: Insa Suda Entertainments, inti personalment għandek x'agreement biex taħdem jew tmexxi*

*"Xhud: Jien personali ma għandi agreement ma ħadd. Suda Entertainments għandha.*

*"Dr Norma Vella Bardun: U l-Pepe Nero fejn għedtilna taħdem fih, tmexxih inti*

*"Xhud: Manager.*

*"Dr Norma Vella Bardun: Dan liema wieħed, fejn qiegħed.*

*"Xhud: Valletta Waterfront."*

11. Ovvjament dak kien fis-sena 2016 u minn dak iż-żmien għaddew iktar minn erba' snin. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi qalet li, '*irriżulta wkoll li pendente lita, żewġha ħa tlett ħwienet oħra jismu Pepe Nero Valut il-Waterfront, l-iehor Jessy Bar Pepe Nero St Andrews u l-ieħor il-Veċċa San Pawl'*.[4] Meta xehed l-appellant kien evażiv. L-avukat tal-appellata staqsitu jekk għandux xi ftehim ieħor li ser ikun hemm Pepo Nero x'imkien ieħor. It-tweġiba tal-appellant kienet li l-kumpanija m'għandhiex ħwienet, iżda *'management agreement'*. L-appellat ma weġibx għad-domanda li saritlu. Hu fatt magħruf li f'Malta hawn ristoranti oħra bl-isem Pepe Nero, f'St Andrews u San Pawl il-Baħar. L-involviment tal-appellant fihom m'huwiex magħruf, iżda jirriżulta li l-azzjonisti ta' Suda Entertaiments Ltd hu missier l-appellant (azzjonist maġġoritarju) u l-appellant (azzjonist fil-minoranza). Kumpanija li twaqqfet fid-29 ta' Jannar 2008, ċioe` ftit xhur qabel bdew il-proċeduri ta' separazzjoni fil-qorti.

[4] Fol. 777.

12. L-ewwel Qorti qieset l-introjtu tal-intimat ukoll fil-kuntest tal-ħlasijiet tal-manteniment u d-dar matrimonjali. Għal dak li jirrigwarda l-manteniment, *inter alia* l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Issir aktar inveritiera l-verzjoni tal-intimat meta jghid li "Heat" illum "Pepe Nero" jappartjeni lil Suda Entertainment Limited, kumpanija li kienet ta' missieru u bhala manager kien jaqla' l-hobza ta' kuljum. Mark Aquilina jistqarr ukoll illi meta kien qed jinnegozja fuq ir-ristorant "Heat" kien jinnegozja ma' missier l-intimat, izda kien hemm drabi li l-intimat kien ikun prezenti u ma kienx jaf fic-cert jekk missieru kien qed jaghmel tajjeb ghal ibnu. Ghalhekk tenut ta' dan kollu l-Qorti m'hi l-ebda mod konvinta li dak li l-intimat iddikjara bhala l-introjtu tieghu jirrifletti l-introjtu realistiku tieghu u m'ghandha l-icken dubju li l-istess socjeta' Suda Entertainers Limited isservi bhala kappa biex tghatti l-veritá li l-intimat huwa sid tal-istess socjeta' u konsegwentement tar-ristorant "Heat" illum "Pepe Nero."*
>
> *"Din il-Qorti pero` mhux se tippermetti li dawn l-intricci jservu biex jiskappricaw dawk li verament huma innocenti u cioe' t-tfal.*
>
> *"Ghalhekk, in vista tar-ragunar fuq espost, dina l-Qorti thoss li alimenti gusti ghar-rikorrenti jkunu dawk proposti mill-Perit Legali u cioe' l-ammont ta' €250 fix-xahar, filwaqt ghall-minuri dan ikun fl-ammont ta' €600 fix-xahar (€300 kull wiehed), liema ammont tal-minuri ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja."*

13. Fir-rigward tal-pagamenti tal-*loan* għad-dar matrimonjali, il-Qorti tal-ewwel istanza qalet illi '*l-introjtu tal-intimat mill-istabbiliment "Heat" li llum biddel l-isem u huwa magħruf bħala "Pepe Nero" huwa biżżejjed sabiex jiggarantixxi l-pagamenti, iżda l-intimat bħala pika naqas milli jagħmel dawn il-pagamenti.*'

14. Hawnhekk se ssir parenteżi żgħira għal dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jilmenta li ma hemm l-ebda prova in atti li l-istabbiliment

*Heat* ġewwa l-*Waterfront* illum jismu *Pepe Nero.* Dan hu minnu. A fol. 37 l-appellata tgħid li meta bdiet toħroġ mal-appellant, kien jaħdem mal-kumpanija *Rainbow Mix Concrete Limited* għalkemm in subizzjoni qal li kien jaħdem ma' *Debattista & Debattista Schembri Ltd* li kienet fl-industrija tal-kostruzzjoni.[5] Fl-affidavit tiegħu a fol. 67 et seq. il-konvenut spjega li huwa baqa' f'dak l-impjieg sa sentejn wara t-twelid tal-minuri Rico.[6] Kien għalhekk fl-2005 li Mark Aquilina, iben l-imgħallem tiegħu Emmanuel Aquilina, daħħlu *shareholding* miegħu f'ristorant il-*Waterfront* bl-isem *Heat.* Is-*shareholding* tal-konvenut appellant kien marġinali (1.5%) u kien jaħdem bħala *manager* fl-istess ristorant. A fol. 273 u 277, meta xehed in subizzjoni f'April u Mejju tal-2010, l-appellant żied li l-arranġament ma' Mark Aquilina kien tramite kumpanija bl-isem *Innovative Entertainment Ltd* iżda, xi żmien wara, kellhom xi diżgwid u Aquilina għadda l-avvjament ta' *Heat Bar & Restaurant* lill-kumpanija *Suda Entertainments Ltd*, reġistrata fid-29 ta' Jannar 2008.[7] Fl-2010 l-appellant xehed li huwa impjegat ta' Suda Entertainments Ltd bħala *manager* tal-istess ristorant bl-isem *Heat* u jaqla' paga ta' €22,000 fis-sena.[8] L-appellant reġa' xehed in kontro-eżami fl-2016[9] u ikkonferma li għadu *manager* mal-kumpanija *Suda Enterainments Ltd,* iżda din id-darba jgħid li huwa *manager* ta' *Pepe Nero:*

[5] Fol. 274.
[6] Huwa twieled fit-28 ta' Awwissu 2003.
[7] Fol. 692.
[8] Fol. 273.
[9] Fol. 253.

> *"Xhud: Skużi nista' nikkjarifika xi ħaġa? Dak iż-żmien iva, l-affidavit huwa tajjeb, dak iż-żmien kont manager ġo dak il-ħanut, dak l-istabbiliment li għedt. Dak iż-żmien. Għaddew 9 snin issa.*
>
> *"Dr Norma Vella Bardun: Għadu Heat?*
>
> *"Xhud: Le"*[10]

15. Kjarifiki oħra ma sarux u mill-atti ma jirriżultax minn liema fond jopera r-ristorant *Pepe Nero* u lanqas li, '*l-kirja* [ta' vault 16 minn fejn kien jopera *Heat*] *skadiet fis-sena 2017 u Suda Entertainment ma reġgħatx kriet dan il-fond'* (kif allega l-appellant fir-rikors tal-appell)[11]. Il-prova kellha ssir mill-appellant, li ma saritx. F'kull każ, il-Qorti ma tarax x'differenza jista' jagħmel dan il-fatt għal dak li jirrigwarda d-divorzju bejn il-kontendenti.

16. Stabbilit dan, il-Qorti sejra tmur lura għall-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant jiflaħ iħallas manteniment lil martu fis-somma ta' €250 fix-xahar u lill-uliedu fis-somma ta' €600 fix-xahar għat-tnejn li huma kif ukoll għal-*loans* tal-bank fuq id-dar ta' Iklin fejn martu tgħix flimkien ma' wliedhom minuri.

17. Bħala stat ta' fatt, id-dar fl-Iklin inxtrat fl-2007. Ifisser li l-appellant kien daħal għal dan id-dejn meta l-qligħ tal-familja kien biss dak tal-appellant mill-impjieg li kellu fir-ristorant *Heat*. Fl-istess żmien huwa kien

[10] Fol. 255.
[11] Fol. 7.

qiegħed jipprovdi għall-appellata u ż-żewġt itfal li twieldu miż-żwieġ, ġialadarba l-appellata kienet waqfet taħdem meta twieled l-ewwel wild. Il-Bank ma kienx ser isellifhom flus biex jixtru dar jekk ma jkunx sodisfatt li l-appellant kien kapaċi jħallas kull xahar il-pagament tas-self u fl-istess ħin ileħħaq mal-ispejjeż l-oħra ta' kuljum. Illum il-ġurnata, għalkemm l-appellant m'għadux involut fit-tmexxija ta' *Heat Bar & Restaurant* iżda hu *manager* ta' *Pepe Nero,* ma hemm l-ebda prova li l-qagħda finanzjarja tiegħu ddeterjorat minn dik li kienet meta huwa daħal għal dak is-self. Anżi, jidher li fil-frattemp, minkejja l-ispejjeż kollha li jilmenta dwarhom, kien f'qagħda finanzjarja tajba biżżejjed biex jixtri u għamel tajjeb għar-*running costs* ta' vettura *Mercedes.* Għalhekk, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li għandu jinbidel il-manteniment likwidat mill-ewwel qorti.

18. Rigward il-vetturi:

18.1. A fol. 89 il-konvenut isemmi żewġ karozzi, *Golf* u l-oħra *Citroen* li tintuża mill-appellata;

18.2. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2011 Brian Farrugia in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed illi[12] '*il-vettura 'Golf' TAV100 hija reġistrata fuq Ottavio Suda.*' Il-vettura '*Toyota Van'*

[12] Fol. 292.

*DBQ118, din hija reġistrata fuq is-soċjetà 'Suda Entertainments Ltd. Li għan-nom tagħha qiegħed jidher Joseph Suda.'*;[13]

18.3. Fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2012, Joseph Suda xehed li '*t-tifel tiegħi għandu 'Mercedes' ta' kulur griża metallic. Din il-karozza xtraha wara li telaq il-mara. Meta kien mal-mara kellu 'gold' tal-kulur griża skura.'*[14]

19. Ma tirriżulta l-ebda prova dwar Fiat Abarth Sport (ROM500). Għalhekk, f'dan ir-rigward ukoll, l-ewwel Qorti ma kellhiex taċċetta dak li ssostni l-appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet.[15] Fatt li madankollu xorta m'għandu ebda konsegwenza fuq is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad.

20. Fir-rigward tal-vetturi l-ewwel Qorti ddeċidiet li '*tista' ssir ekwiparazzjoni mal-kreditu li għandha tiegħu r-rikorrenti għall-flus li nefqet għall-għamara tal-fond f'San Pawl'.* Ifisser li l-appellata ma ġietx ikkumpensata tad-differenza fil-valur li hemm bejn il-vettura *Citroen* u l-vetturi l-oħra tal-appellant. L-appellata m'appellatx mis-sentenza tal-ewwel qorti.

[13] Ara ukoll id-dokumenti a fol. 641 – 642.
[14] Fol. 295.
[15] Fol. 778.

21. L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti attribwiet il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ lilu. Jinsisti li r-relazzjoni ma' Natasha Cassar bdiet lejn l-aħħar tas-sena 2010, ċjioe` sentejn wara li l-attriċi ppreżentat il-kawża għas-separazzjoni. Isostni li l-ewwel Qorti ma kellha qatt tattakka l-kredibilita` tiegħu abbażi tad-differenza bejn dak li xehed fl-2010 u li xehed in kontro-eżami fl-2016.

22. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-kwistjoni tal-adulterju kienu s-segwenti:

> *"<u>ADULTERJU</u>*
>
> *"Ir-rikorrenti tqis li kien hemm adulterju da parti tal-intimat li wassal ukoll ghas-separazzjoni ta' bejniethom ma' Natasha Cassar. L-istess Cassar ma kellha l-ebda intenzjoni li ddur mal-lewza u ammettiet li ilha f'relazzjoni mal-intimat sa mil-ahhar tas-sena 2010, pero' tghid li kienet tafu minn qabel peress li kienet taf l-imghallem tal-intimat u kienet saret tafu mill-fergha tal-Bank fejn kienet tahdem.*
>
> *"L-intimat huwa anqas kredibbli ghax ma jammettix li qieghed f'relazzjoni ma' Natasha Cassar, pero' fl-istess waqt xehed li thallaslu l-vjaggi li jaghmlu flimkien, li m'huma xejn vjaggi zghar, biss biss ta' min isemmi li marru New York, Mexico u anke l-Vietnam. Gew esebiti diversi ritratti mehudin mill-Facebook account tal-intimat li jikkonfermaw bl-aktar mod esplicitu li tezisti aktar minn semplici hbiberija bejn l-intimat u Natasha Cassar.*
>
> *"Il-Qorti thoss li anke jekk Natasha Cassar m'qaghditx toghmod il-kliem, li l-hbiberija nibtet f'relazzjoni fl-ahhar tas-sena 2010, il-verzjoni tar-rikorrenti hija aktar verosimili peress li tqis li l-adulterju tal-intimat imur lura ghas-sena 2007, meta kienet qabbdet lill-intimat jitkellem ma' Natasha Cassar diversi drabi u kien ighidilha li kien qed jitkellem maghha fuq kwistjonijiet tal-bank.*
>
> *"Tamara Brincat, habiba tar-rikorrenti tghid li din tal-ahhar kienet fethet qalbha maghha u kienet semmiet li kellha suspetti li zewgha kien qed ikun infidil lejha. Dan kien fis-sena 2007, meta kienet tqila bit-tieni wild, Luca. Fi kliem habibtha stess jinghad hekk:-*

> *"She gave me a shock when she went on to tell me that Ottavio was cheating on her, as he never answered her call or her messages and that he would reply back to her many hours after, saying that he was on his way home. When he finally used to get home, he used to put his clothes straight into the washing machine to wash before she would wake up, something he never did before."*

*"Gie kkonfermat kemm mir-rikorrenti, kif ukoll minn Tamara Brincat, li gieli kienet iccempel ir-restaurant "Heat" biex tkellem lill-intimat u l-waitresses kienu jghidulha li jkun ilu li telaq, izda ma kienx jidhol id-dar, hlief ferm wara.*

*"In vista tal-principji fuq l-estrem tal-adulterju, kif ben ikkonkludiet il-Perit Legali, ir-rikorrenti rnexxiela tipprova li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju ukoll, li wassal ghall-hajja rrimedjabbli bejniethom u dan kif rilevat aktar 'l fuq."*

23. Huwa minnu li bejn ix-xhieda tal-appellant fl-2010 u x-xhieda tiegħu in kontro-eżami, għaddew sitt snin. F'April tal-2010 xehed in subizzjoni illi:

"... "*Jien illum ngħix ma' ommi u missieri f'Dar id-Daħla, Frangisk Scerri Street, B'Kara u ili ngħix hemm għal dawn l-aħħar tliet snin.*

*"Jien m'għandix 'girlfriend'.*

*"Natasha Cassar hija ħabiba tiegħi u mhux 'girlfriend'.*

*"M'aħniex koppja.*

*"Ġieli sifirna flimkien bħala grupp ħbieb.*

*"Ili nafha xi sena.*

*"Ma niftakarx fejn sifirna u ma niftakarx kemm-il darba sifirna.*

*"Qed jiġi suġġerit illi jekk huwiex aktar minn tlieta jew ħames darbiet u ngħid li ma niftakarx.*

*"Ma niftakarx min kien fil-grupp li sifirt magħhom.*

*"Qed jiġi suġġerit lili illi l-aħħar safra tiegħi u Natasha kienet dis is-sena stess 2010 iżda jien ma niftakarx."*

*"F'dan l-istadju l-perit legali wissiet lill-konvenut sabiex igħid il-verità għax qiegħed taħt ġurament.*

*"Il-konvenut wieġeb li jiftakar li f'Jannar jew Frar, 2010 siefer ma' Natasha Cassar u morna Barcelona.*

*"Domna tlett (3) ijiem u ma rqadniex fl-istess kamra imma fl-istess lukanda.*

*"Konna grupp ta' ħbieb ta' ħamsa minn nies – kien hemm wieħed jismu John u l-oħrajn ma niftakarx x'kien jisimhom.*

*"Jien lill-mara ma qatt ma qlibtilha.*

*"Qatt ma kelli 'girlfriend' oħra sal-ġurnata tal-lum.*

*"M'għandi ħbiberija speċjali ma' ħadd u m'għandix relazzjoni ma' ħadd.*

*"Jien u l-mara ilna separati tlett snin u nofs u ma kellix relazzjoni f' dan iż-żmien u lanqas 'dates'."*[16]

24. Irrispettivament minn dak li xehed l-appellant fl-2016, dak li xehed waqt is-seduta ta' April 2010 ma jistax jitwemmen kollu. M'huwiex kredibbli li siefer ma' grupp ta' nies f'Jannar jew Frar 2010 u mbagħad f'April 2010 igħid li ma jiftakarx min kienu l-persuni li siefer magħhom. Kieku verament siefer ma' ħbieb (qal li kienu ħames persuni), u Natasha Cassar kienet biss ħabiba f'dan il-grupp, l-appellant kellu jidentifika n-nies l-oħra li siefer magħhom u mhux igħid li ma jiftakarx min kienu. Il-mod kif wieġeb hi ta' persuna li għandha x'taħbi, meta tqis li kienu għaddew biss ftit xhur mis-safra għal meta xehed. Dan apparti li xehed li kien ilu jaf lil Cassar minn xi sena qabel, filwaqt li fl-2012 Cassar xehdet li kienet ilha tafu minn tnax-il sena qabel. Hu veru li l-istess Cassar ikkonfermat li fl-2010 kienet siefret ma' persuni oħra u kien hemm ukoll l-appellant. Pero` hi wkoll ma qalitx min kienu l-persuni l-oħra li suppost kienu parti mill-

[16] 275 *et seq*.

grupp. Dan apparti li in kontro-eżami semmiet li meta ġieli siefret mal-appellant dejjem ħallsitlu, *“..... għax ma jaffordjax isiefer minħabba l-ispejjeż li għandu”*. Ċirkostanza li l-Qorti ma tqisx normali bejn tnejn min-nies li suppost kienu sempliċement ħbieb.

25. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-ewwel Qorti għamlet zbalji manifesti fl-apprezzament tal-provi. Għall-finijiet ta’ dan l-aggravju, il-Qorti se tieqaf hawn.

26. Dan l-aggravju hu miċħud.

*It-Tieni Aggravju – Ħtija Li ż-Żwieġ tkisser.*

27. Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi ma tressqet l-ebda prova li r-relazzjoni tiegħu ma’ Natasha Cassar kienet ir-raġuni għalfejn tkisser iż-żwieġ bejn il-partijiet, u lanqas ma kellu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha. Jilmenta wkoll minn dik il-parti tal-korp tas-sentenza, għalkemm mhux riflessa fid-*decide,* fejn il-Qorti tal-ewwel grad sabet li l-appellat irrenda ruħu ħati ta’ sevizzi u eċċessi. Igħid li lanqas f’dan ir-rigward ma tirriżulta xi prova li tissostanzja l-allegazzjonijiet tal-appellata u jinsisti li l-appellata kkontradixxiet ruħha ripetutament.

28. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-ewwel grad fir-rigward tal-adulterju, ġew riprodotti iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Evidenti li l-ewwel Qorti emmnet il-verżjoni tal-appellata kif korraborata minn Tamara Brincat, ħabiba tal-appellata. Hu veru li din tal-aħħar taf biss dak li qaltilha l-attriċi, iżda x-xhieda tagħha tikkonferma li l-appellata ma ħarġitx bil-verżjoni li l-appellant kellu relazzjoni ma' mara oħra meta bdew il-proċeduri għas-separazzjoni. Dak li rrakkontatilha l-attriċi hu bażat fuq dak li kienet għaddejja minnu. Hekk per eżempju issir referenza għall-fatt li l-konvenut kien igħid lill-attriċi li jibqa' xogħol sat-tard iżda meta kienet iċċempillu r-ristorant *Heat* il-wejters kienu jinfurmawha li jkun telaq mix-xogħol. Dan apparti l-fatt li meta kien jasal id-dar kien imur dritt jitfa' ħwejġu fil-*washing machine.*

29. Il-Qorti diġa` aċċennat li l-mod kif xehed il-konvenut fis-sena 2010 mhuwiex kredibbli u flimkien ma' ċirkostanzi oħra li diġa' ssemmew, l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li l-appellant kien ħati ta' adulterju. Il-konvenut għażel illi ma jmurx igħix mal-attriċi fid-dar matrimonjali l-ġdida li xtraw, u r-raġuni li ta kienet sabiex ma jesponix lit-tfal għall-ġlied ta' bejniethom. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen spjegazzjoni bħal dik meta tikkunsidra li t-tieni wild tal-koppja Suda kien għadu kif twieled. Bid-deċiżjoni li ħa l-konvenut spiċċa sabiex ħalla lil martu ġo dar ġdida b'tarbija tat-twelid u tifel ta' tliet snin u nofs. Minn dakinhar l-attriċi kellha tfendi għal rasha. Kieku l-appellant kien ġenwinament iġib 'rispett

kbir’ lill-attriċi u wliedu[17] u qed iħares l-interessi ta’ wliedu, ma kienx jitlaq mid-dar. Indikazzjoni oħra li tkompli tikkonvinċi lil din il-Qorti li jgħid x’igħid, kellu interessi oħra fil-ħajja privata tiegħu. Dan apparti li l-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-attriċi kienet kontinwament taqla’ il-ġlied u madankollu l-konvenut xorta daħal għall-piż finanzjarju ta’ dar ġdida. Dar li spiċċa qatt ma mar igħix fiha għaliex iddeċieda li jdabbar rasu darba għal dejjem.

30. Fir-rigward tal-kwistjoni tas-sevizzi u nġurji gravi, fis-sentenza appellata ngħad kif ġej:

> *“ ‘Dwar Sevizzi u Ingurji gravi*
>
> *“Ir-rikorrenti talbet separazzjoni minn ma’ zewgha peress li thoss li rrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzi u offizi gravi.*
>
> *“Fis-sentenza Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li “jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta’ dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.”*
>
> *“Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta’ htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament ...*
>
> *“Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz Catherina Agius vs Benedict Agius, deciza fit-13 ta’ Gunju, 1967 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu “f’sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l’abitazione e la vita comune.”*
>
> *“Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson illi sabiex tigi promossa b’success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m’hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b’mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza’ mpossibbli da parti ta’ xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.*

[17] Affidavit tal-konvenut, fol. 71.

*"Il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden ikkonkludiet li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, izda mhux minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat biss. Mhuwiex car mill-konkluzzjonijiet taghha x'tortijiet qed jigu mputati lejn ir-rikorrenti. Huwa evidenti li mix-xhieda r-rikorrenti tilmenta li l-imputat kien jixrob hafna u minn meta biddel ix-xoghol u beda jahdem fil-bar and restaurant "Heat" aktar beda jdum ix-xoghol milli jqatta' hin mal-familja. Il-familjari taghha, kif ukoll il-habiba taghha Tamara Brincat kollha jikkonfermaw dawn il-fatti.*

*"Madanakollu, fuq l-incident meta l-intimat baqa' diehel go arblu tad-dawl bil-vettura tar-rikorrenti, ir-rikorrenti hija inkonsistenti, l-ewwel tghid li l-kagun tal-incident kien minhabba li l-intimat kien fis-sakra u mbaghad tghid li ma rrizultax mill-isptar li kien qed isuq taht l-influenza tax-xorb.*

*"L-intimat kien jippretendi li jekk ikun id-dar fil-hin tal-mistrieh tieghu, ir-rikorrenti kellha tohrog bit-tifel Rico. Filghaxijiet kien idum barra u jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Mill-provi jirrizulta li l-affarijiet qalbu ghall-aghar meta r-rikorrenti marret tghix l-Iklin mat-tfal minuri u l-intimat kien qallha li ma kienx ser imur ighix maghhom. Izda hawn diga' l-partijiet kienu hadu d-decizjoni li jghixu separati u ghaldaqstant il-fatti li graw wara dan iz-zmien mhumiex l-estremi li ghandhom jigu kkunsidrati ai finijiet ta' separazzjoni.*

*"Madanakollu, il-fatt li l-intimat, anke minhabba t-tip ta' xoghol tieghu, kien iqatta' hafna hin barra mid-dar u 'l boghod mill-familja, forsi huwa gustifikat, izda mhux gustifikat l-abbuz tax-xorb u x-xenati ta' wara ghad-detriment tal-familja. Din it-tip ta' hajja naturalment ghajjiet lir-rikorrenti li kienet sadanittant qed trabbi lill-familja taghha, peress li kienet tip ta' hajja regolari aktar milli eccezzjoni.*

*"Ghaldaqstant, l-intimat irrenda ruhu hati ta' sevizzi u eccessi*."

31. Kif qal il-konvenut stess, il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar is-sevizzi u nġurji gravi ma jissemmewx fid-*decide* tas-sentenza appellata fejn il-qorti ddikjarat:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara d-divorzju bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imputabbli eskluzzivament lill-intimat li rrenda ruħu ħati ta' adulterju konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment"*.

32. Għalhekk dak li qalet l-ewwel Qorti dwar sevizzi u inġurji ma jissemmiex fil-parti dispożittiva tas-sentenza u għalhekk ma jorbotx lill-partijiet fil-kawża. Fiċ-ċirkostanzi m'hemmx ħtieġa li din il-Qorti tagħmel xi konsiderazzjonijiet dwar sevizzi u inġurji.

33. Fit-tweġiba ġuramentata l-konvenut qal li ż-żwieġ tkisser minħabba raġunijiet imputabbli liż-żewġ partijiet. Il-perit legali kkonkludiet li, *"..... z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli iżda ma taqbilx li l-ħtija hija unikament tal-konvenut"*. Madankollu ma tatx raġunijiet għalfejn waslet għall-konklużjoni li l-attriċi għandha wkoll ħtija. Wara li l-Qorti qrat l-atti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-adulterju tal-konvenut kienet ir-raġuni li wasslet għat-tifrik taż-żwieġ.

34. Dan l-aggravju miċħud ukoll.

*It-Tielet Aggravju – il-Manteniment għall-Konjuġi.*

35. L-appellant jisħaq illi quddiem l-ewwel Qorti ġie ppruvat li l-appellata: (i) kellha impjieg tajjeb mal-Airmalta qabel ma twieled it-tifel il-kbir; (ii) kisbet diploma fil-psikoloġija; u (iii) għamlet żmien taħmi u tbiegħ il-kejkijiet mid-dar. Lanqas ma tressqet xi prova li għandha mpediment li jżommha milli taħdem. Illum it-tfal tal-partijiet kibru u għalhekk, skont l-appellant, ma hemm xejn li jwaqqaf lill-appellanti milli terġa' toħroġ taħdem biex tmantni lilha nnifisha u tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-

familja. Għalhekk isostni li dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie ordnat iħallas manteniment lill-appellata, għandu jitħassar.

36. Diġa` issemma aktar 'l fuq li l-manteniment għall-appellata hu ta' €250 fix-xahar. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> *"<u>MANTENIMENT</u>*
>
> *"L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-*
>
>> *"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*
>
> *"Ir-rikorrenti kellha diversi impjiegi. Kienet bdiet tahdem mal-Airmalta, imbaghad meta harget tqila kienet accettat l-offerta li titlaq u tiehu somma flus. Imbaghad kienet ukoll bdiet tistudja u kisbet diploma fil-psikologija. It-twelid tat-tfal taghhom, pero' wasal sabiex ma tahdimx biex tiehu hsieb il-familja.*
>
> *"B'digriet tal-24 ta' Awissu, 2007, l-intimat gie ordnat ihallas Lm250 (ekwivalenti ghal €582.50) bhala alimenti ghar-rikorrenti, u Lm250 (ekwivalenti ghal €582.50) ghall-minuri, inkluz l-ispejjes edukattivi u tas-saħħa.*
>
> *"L-intimat jopponi ghat-talba tar-rikorrenti li ghandu jghaddi manteniment ghaliha stante illi kienet tipposjedi kull kapacita' biex tahdem u dan aktar u aktar meta llum it-tfal kibru u mhux totalment dipendenti fuqha. L-intimat ipproduca provi tramite l-private investigator Isabelle Agius sabiex jiggustifika l-pretensjoni tieghu. Gialadarba li r-rikorrenti kienet tahmi l-kejkijiet ghan-nies kienet qed taqla' l-introjtu taghha u ma setghetx tippretendi li tithallas manteniment minghandu ukoll. Il-private investigator ipproduciet provi konkreti li effettivament, ir-rikorrenti kienet bdiet negozju zghir taghha, hekk kif il-private investigator ordnat kejk u r-rikorrenti kienet ghamlitulha. Ir-rikorrenti ammettiet maghha li kellha xi ordni ghal xi hames kejkijiet u li fil-qarib kienet se tibda tiehu l-ordinijiet ghall-kejkijiet tal-Milied,*
>
> *"Il-Qorti taqbel ma' dak li gie kkunsidrat mill-Perit Legali, li r-rikorrenti tidher li qed tipprova tohloq xi forma ta' introjtu billi taghmel il-kejkijiet ghan-nies u din hija haga tajba, ghax il-mara, la darba ghandha l-kapacita' li tahdem ghandha tisfrutta kull opportunita'. Ir-rikorrenti tichad li hi f'xi hin kienet qed tipproduci l-kejkijiet ghal terzi, pero' l-verzjoni taghha mhix wahda kredibbli, peress li l-intimat gab provi konvincenti*

*sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li r-rikorrenti kellha xi forma ta' introjtu. Ciononstante, il-Qorti trid tiddetermina jekk dak l-introjtu huwiex sufficjenti li jservi bhala mezz ta' ghajxien ghar-rikorrenti. Jidher li din l-attivita' li tmexxi r-rikorrenti, mhix wahda fuq skala kbira, izda limitata ghall-ammont ta' nies u ghalhekk billi mill-provi jirrizulta li kienet qed tbiegh dawn il-kejkijiet ghall-prezz ta' €45 il-wiehed, jekk forsi kienet taghmel xi hamsa fix-xahar, l-qliegh ikun ftit aktar minn mitejn Euros.*

*"L-intimat iddikjara li llum jahdem bhala manager fir-restaurant "Heat," fil-Valletta Waterfront u jircievi paga ta' €24,272 fis-sena. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba dwar ix-xoghol tal-intimat u thoss li ma kienx kredibbli ghal kollox! L-intimat jipprova jpingi lilu nnifsu bhala persuna impjegat b'paga tajba, li jiggestixxi l-bar and ristorant "Heat," illum aktar maghruf bhala "Pepe Nero" fond li jappartjeni lil Suda Entertainers Limited, fejn l-uniku azzjonist jirrizulta mhu hadd aktar minn missier l-intimat. Azzjonist li minn pensjonant spicca li qed jiggestixxi kumpanija li hija sid ta' "Pepe Nero," qabel maghruf bhala "Heat" li minn naha taghha mbaghad timpjega lill-intimat. Madanakollu, missier l-intimat ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma l-introjtu tal-intimat, haga li suppost bhala mghallem ikun jaf.*

*"Oltre minn hekk, mix-xhud prodott mill-intimat, jidher aktar car li l-intimat ma kienx sid ta' diversi lokalitajiet f'Paceville kif kienet emmnet irrikorrenti minn dak li kien qallha l-intimat.Aquilina jikkonferma li originarjament kienu shab fis-socjeta' Innovative Entertainment Limited, fejn l-intimat kellu 15% tal-ishma, izda peress li ma wasalx ghall-hlas ta' sehemhu, Aquilina kien xtara s-sehem tieghu, filwaqt li zamm lill-intimat bhala manager. Minhabba xi dizgwid li kellhom kienu ddecidew li l-intimat jibqa' jiehu hsieb "Heat" filwaqt li Aquilina kien qed jiggestixxi l-bars "The Alley" u "The Edge," li minn dejjem kienu tieghu u mhux tal-intimat.*

*"Issir aktar inveritiera l-verzjoni tal-intimat meta jghid li "Heat" illum "Pepe Nero" jappartjeni lil Suda Entertainment Limited, kumpanija li kienet ta' missieru u bhala manager kien jaqla' l-hobza ta' kuljum. Mark Aquilina jistqarr ukoll illi meta kien qed jinnegozja fuq ir-ristorant "Heat" kien jinnegozja ma' missier l-intimat, izda kien hemm drabi li l-intimat kien ikun prezenti u ma kienx jaf fic-cert jekk missieru kien qed jaghmel tajjeb ghal ibnu. Ghalhekk tenut ta' dan kollu l-Qorti m'hi l-ebda mod konvinta li dak li l-intimat iddikjara bhala l-introjtu tieghu jirrifletti l-introjtu realistiku tieghu u m'ghandha l-icken dubju li l-istess socjeta' Suda Entertainers Limited isservi bhala kappa biex tghatti l-veritá li l-intimat huwa sid tal-istess socjeta' u konsegwentement tar-ristorant "Heat" illum "Pepe Nero."*

*"Din il-Qorti pero' mhux se tippermetti li dawn l-intricci jservu biex jiskappricaw dawk li verament huma innocenti u cioe' t-tfal.*

*"Ghalhekk, in vista tar-ragunar fuq espost, dina l-Qorti thoss li alimenti gusti ghar-rikorrenti jkunu dawk proposti mill-Perit Legali u cioe' l-*

*ammont ta' €250 fix-xahar, filwaqt ghall-minuri dan ikun fl-ammont ta' €600 fix-xahar (€300 kull wiehed), liema ammont tal-minuri ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.*

*"Dwar l-ispejjez edukattivi u tas-sahha dawn ghandhom jigu ssopportati nterament mill-intimat, in kuntrast ma' dak irrakkomandat mill-Perit Legali.*

*"Oltre minn hekk gie kkonstatat illi r-rikorrenti tippercepixxi nofs ic-childrens' allowance peress li pendente lite l-kura u kustodja kienet wahda konguntiva, issa peress li nghatat kura u kustodja eskluzziva c-children's allowance kollu ghandu jigi percepit minnha."*

37. M'hemmx dubju li l-appellata kapaċi taħdem. Fil-fatt hi stess wieġbet li qiegħda taħdem *part time* ma' *estate agency*,[18] għalkemm b'ċertu limitazzjonijiet peress li t-tfal igħixu magħha. L-appellata tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' kuljum tat-tfal. Bla dubju dan jieħu l-ħin tiegħu irrispettivament mill-fatt li t-tfal tal-partijiet illum m'għadhomx trabi. Tajjeb jew ħażin dan hu l-mod kif trabbew it-tfal, ċioe` li ommhom ma tkunx xogħol il-ġurnata kollha.

38. Għalkemm l-appellata hi kapaċi taħdem u fil-fatt taħdem *part time*, il-manteniment m'għandux jieqaf. F'dan ir-rigward l-Art. 54(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

*"Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu".*

39. Inoltre, ma jirriżultax li s'issa l-attriċi għandha impieg *full time*. Dan apparti l-fatt li s-somma ta' €250 fix-xahar hi ferm konservattiva, u żgur li

[18] Kif dikjarat minnha stess fir-risposta tal-appell tagħha.

mhijiex biżżejjed sabiex tkopri manteniment għaliha. L-appellata bilfors ser ikollha tkompli taħdem u fl-istess ħin tieħu ħsieb it-tfal, li trabbew bil-prezenza tal-omm fid-dar. Ir-realta` hi li l-appellata ddedikat ruħha għat-trobbija ta' wliedha waħedha u ovvjament il-ħila li tagħmel qligħ ta' kull xorta ġiet imnaqqsa meta ħadet ħsieb id-dar u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ.

40. Fuq kollox, ma jirriżultax li l-appellant m'huwiex f'pożizzjoni finanzjarja li jħallas €250 fix-xahar f'manteniment għal martu. Kif diġa` ingħad, l-appellata waqfet taħdem barra mid-dar minn mindu twieled l-ewwel wild u l-konvenut ma jidhirx li kellu problemi finanzjarji jmantni lilha u lil binhom. Kien hemm żmien ukoll li matulu bagħtu t-tifel fi skola privata. Saħansitra ħadu self biex inxtrat id-dar tal-Iklin proprju minħabba l-qligħ tal-appellant. Dak iż-żmien kienu wkoll żdiedu l-ispejjeż għaliex kellhom wild ieħor, u l-bank approva s-self lill-koppja Suda.

41. Madankollu l-Qorti hi tal-fehma li bit-trapass ta' żmien, l-appellata ser ikollha iktar ħin u tista' żżid il-ħinijiet tax-xogħol. Għalhekk ser tnaqqas l-ammont ta' manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti mal-ġurnata li t-tieni wild jagħlaq l-eta` ta' tmintax-il sena. F'dak l-istadju l-manteniment jonqos għal elf u ħames mitt euro (€1500) fis-sena, revedibbli kull tliet snin skont l-awment fl-indiċi tal-inflazzjoni.

42. L-istess bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti moralment konvinta li l-*ultimate beneficial owner* tal-kumpanija *Suda Entertainments Ltd* mhu

ħadd ħlief l-appellant u li d-dħul tiegħu huwa ferm aktar minn dak li ddikjara. Dan meta tqis li:

i. M'hemmx prova li Joseph Suda qatt kien fin-negozju tar-ristoranti filwaqt li l-appellant kellu diga` snin ta' esperjenza f'dan it-tip ta' negozju, sa minn meta kien sħab f'negozju ma' Mark Aquilina fil-kumpanija Ottavio Entertainments Limited;

ii. Mill-mod kif xehed Joseph Suda hu evidenti li n-negozju kollu qiegħed f'idejn l-appellant. Biżżejjed jissemma li Joseph Suda lanqas kien jaf x'inhu l-qligħ ta' ibnu mill-kumpanija Suda Entertainments Limited. Inoltre, qal *"Jien ma nafx x'ħin jiftaħ u x'ħin jagħlaq Heat. Lanqas naf x'ħin ikun hemm it-tifel. Dan jirranġa hu"*. Kliem li lill-Qorti juruha kemm Joseph Suda ma jafx x'inhu għaddej u fir-realta` in-negozju qiegħed kollu f'idejn l-appellant;

iii. Li l-appellant għandu interess fil-kumpanija Suda Entetainments Limited jirriżulta wkoll mill-fatt li hu azzjonist minoritarju tal-kumpanija;

iv. Il-kumpanija Suda Entertainments Limited kienet reġistrata fid-29 ta' Jannar 2008 meta Joseph Suda kien diġa` pensjonant u ma jirriżultax li f'dak iż-żmien kellu xi attivita` kummerċjali;

43. Hu veru li f'nota ġuramentata preżentata fl-14 ta' April 2010 il-konvenut iddikjara li għandu qligħ ta' €24,272. Pero` dak kien fl-2010.

Issa ilu snin imexxi n-negozju ta' Pepe Nero u l-Qorti ma temminx li dak l-ammont hu l-uniku qligħ li għandu min-negozju. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li mid-deposizzjoni ta' Joseph Suda irriżulta li n-negozju qiegħed f'idejn ibnu, u jaħdem fih lejl u nhar.

44. Għaldaqstant, l-aggravju milqugħ parzjalment.

*Ir-Raba' Aggravju – l-Ispejjeż tal-Edukazzjoni u s-Saħħa tat-Tfal.*

45. L-appellant jilmenta wkoll li skont is-sentenza appellata l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tat-tfal għandhom jitħallsu interament minnu. Jgħid li huwa ilu jħallas il-miżati ta' skejjel privati waħdu, mingħajr kontribuzzjoni finanzjarja da parti tal-appellata, minn mindu twieldu. Dan oltre spejjeż edukattivi oħra u ta' saħħa. Jisħaq li madanakollu l-obbligu tal-manteniment tat-tfal jinkombi fuq iż-żewġ ġenituri u għalhekk is-sentenza appellata għandha tiġi riformata billi jiġi ordnat li tali spejjeż għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. L-appellat saħansitra għandu l-awdaċja jilmenta li peress li fis-sentenza appellata ġie deċiż li l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tat-tfal għandhom jitħallsu interament minnu, il-Qorti tal-ewwel grad '*prattikament eżentat lill-appellata minn kull responsabilità li hija – bħala ġenitur – għandha versu l-familja.'*

46. Il-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet ġiet fdata unikament lill- appellata li ta' kuljum tieħu ħieb il-bżonnijiet kollha ta' wliedhom. Altru għalhekk milli ġiet eżentata mir-responsabilita` fil-konfront ta' wliedhom.

47. Jiġi mtenni li ladarba l-partijiet kienu għaddejjin komdi bl-introjtu uniku tal-appellant qabel qabad triqtu u ddeċieda li jgħix ħajtu daqslikieku ma kienx raġel miżżewweġ, u mill-provi ma jirriżultax li minn dak iż-żmien l' hawn żdiedlu l-piż finanzjarju, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata li biha l-konvenut kien ordnat iħallas l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tat-tfal. Hu evidenti li l-qagħda finanzjarja tal-appellant hi bil-bosta aħjar minn dik tal-appellata u jiflaħ iħallas.

*Il-Ħames Aggravju – il-Manteniment għat-Tfal wara li jagħlqu t-18-il sena.*

48. Permezz tal-ħames aggravju l-appellant jilmenta li f'dan ir-rigward: (i) fis-sentenza appellata ma ġiex speċifikat lil min għandha titħallas ir-retta alimentari ladarba t-tfal jilħqu l-eta` maġġorenni; (ii) mhux ċar li l-eta` massima sakemm għandha titħallas din ir-retta hija dik ta' 23 sena; (iii) ladarba l-kawża hija biss bejn il-partijiet, il-Qorti ma kellhiex tagħti manteniment għal ulied il-partijiet wara li dawn jilħqu l-eta` ta' 18-il sena.

49. S’issa t-tfal għadhom taħt l-eta` u m’humiex parti fil-kawża. Ladarba jagħlqu l-eta` ta’ tmintax-il sena t-tfal ikunu jistgħu jitolbu direttament il-manteniment mingħand missierhom bis-saħħa tal-Art. 3B tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> *“(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*
>
> *“(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli l il-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
>
> *“(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f’edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta’ tlieta u għoxrin sena;”*

50. F’dak l-istadju, peress li t-tfal ikunu maġġorenni ma jkunux għadhom soġġetti għall-awtorita` tal-ġenituri tagħhom u legalment ikollhom il-jedd li personalment jitolbu l-manteniment mingħand missierhom, mingħajr il-ħtieġa li jkunu rappreżentanti minn ommhom. Dan apparti li sal-lum it-tfal huma minorenni u m’hemmx provi ċari li ser ikomplu jistudjaw. Lanqas m’hemm provi li f’dak l-istadju l-attriċi ser tkun qiegħda tkompli tipprovdilhom.

51. Għaldaqstant, tilqa’ dan l-aggravju bil-mod kif spjegat hawn fuq.

*Is-Sitt Aggravju – il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u kreditu parafernali.*

52. F'dan ir-rigward l-aggravji tal-konvenut huma li:

52.1. Ma kien hemm l-ebda talba da parti tal-appellata sabiex tibqa' tgħix fid-dar tal-Iklin flimkien ma wliedha *a tenur* tal-Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili. Il-parti relattiva tas-sentenza appellata tmur għalhekk oltre dak mitlub;

52.2. L-Ewwel Qorti tuża d-diċitura '*jilħqu l-istat tagħhom'* biex tindika sakemm id-dar għandha tibqa' komuni liema frażi m'hijiex terminu b'definizzjoni legali;

52.3. Rigward l-ordni ta' ħlas ta' kontijiet ta' self imposta fuqu, is-self huwa konġunt f'isem it-tnejn u għahekk komuni u ma jirriżulta minn imkien li l-Bank ma pproċediex kontrihom '*għaliex l-introjtu tal-intimat mill-istabbiliment Heat, li llum tbiddel l-isem u huwa magħruf bħala Pepe Nero huwa biżżejjed sabiex jiggarantixxi l-pagamenti.'*

52.4. Rigward il-kontijiet bankarji, sabiex tiġi evitata l-burokrazija, il-fondi li depożitati sad-data tas-sentenza appellata għandhom jiġu diviżi ugwalment, kull kont f'ismijiet konġunti magħluq filwaqt li l-kontijiet f'isem kull parti ndividwalment għandhom jiġu assenjati lil dik il-parti li f'isimha reġistrat il-kont;

52.5. Dwar il-kreditu parafernali, m'hemmx riċevuti;

52.6. Dwar il-vettura FIAT 500 Abarth Sports ma saret l-ebda prova, u jsostni li l-appellata jekk xejn għandha tagħti flus lill-appellant

bħala sehemu mill-vettura Citroen Picasso li ġiet assenjata lilha mill-ewwel Qorti.

53. Fil-fehma tal-Qorti d-dar tal-Iklin hi d-dar matrimonjali. Hu minnu li l-appellant qatt ma għex fiha fuq għażla tiegħu, pero` inxtrat bl-intenzjoni li tkun id-dar taż-żwieġ. F'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*DAR MATRIMONJALI*

"*Tul iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw il-fond El Cendero, 39, Triq Censu Bugeja, Iklin, flimkien mal-garaxx taht l-istess fond. L-intimat qatt ma mar ighix gewwa l-istess fond, ghax malli kienu qed ilestu biex imorru jghixu hemmhekk, l-intimat kien talab is-separazzjoni minn ma' martu r-rikorrenti.*

"*Il-Perit Legali rrakkomandat li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh u mir-rikavat jinqata' d-dejn ezistenti mal-Bank of Valletta plc. fuq l-istess fond. Ghal darb'ohra dina l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma' din ir-rakkomandazzjoni in toto. Mill-provi jirrizulta li ghad hemm loans pendenti fuq l-istess fond li kienu qed jithallsu mill-intimat, izda mbaghad waqaf ihallas, izda sal-lum il-Bank of Valletta plc. ghadu ma pprocediex kontrihom. Ir-raguni hija wahda cara, ghaliex l-introjtu tal-intimat millistabbiliment "Heat," li llum tbiddel l-isem u huwa maghruf bhala "Pepe Nero" huwa bizzejjed sabiex jiggarantixxi l-pagamenti, izda l-intimat bhala pika waqaf jaghmel dawn il-pagamenti.*

"*Il-loans pendenti mal-Bank of Valletta plc. huma s-segwenti:-*

"*(i) House Loan joint numru 4001598601-4 li jammonta ghal €115,028.18 sat-18 ta' Frar, 2016 u sal-ahhar ta' Marzu, 2018 kif issottolineat ir-rikorrenti, l-ammont tela' ghal €130,196.27(Dok.JBZ);*

"*(ii) House Loan numru 4001039055-3 li fih zbilanc ta' €27,631.83 (Dok.RA4);*

"*(iii) House Loan joint numru 4001598667-4 u fih bilanc ta' €86,466.96 (Dok.RA 11); rigward dan il-kont fit-18 ta' Frar, 2016 xehdet Joanna Bartolo ikkonfermat li dan il-loan kien issa fih bilanc ta' €109,670.58, pero' tghid li dan il-file kien jinstab ghand ir-"recoveries," peress li lintimat ma kienx qieghed ihallsu. (dok. JB 1);*

"*Ghalhekk, il-preokkupazzjoni ta' din il-Qorti hija li jekk din id-dar tinbiegh u sakemm jinqata' d-dejn mal-bank, mhux ser ikun hemm fondi bizzejjed sabiex ir-rikorrenti jkollha biex tixtri post ghaliha u ghall-uliedha, filwaqt li l-intimat dejjem ghandu l-fond parafernali tieghu f'San Pawl, aktar u aktar tenut kont li l-partijiet qatt ma gabu provi konkreti dwar il-valur realistiku tad-dar konjugali fl-Iklin.*

"*In vista ta' dan, il-Qorti, li dejjem ghandha l-interessi tal-minuri ghal qalbha, tiddetermina li d-dar ghandha tibqa' in komun, ir-rikorrenti u uliedha jibqghu jghixu hemm sakemm it-tfal jilhqu l-istat taghhom, b'dan li l-intimat ghandu jibqa' jhallas il-loans pendenti u jhallas kwalsiasi arretrati li hemm pendenti.*

"*Meta jigi deciz li ghandha tinbiegh id-dar u cioe' wara li t-tfal jilhqu l-istat taghhom, il-partijiet ghandhom jinkarigaw perit sabiex issir valutazzjoni tal-post u tinbiegh ghall-prezz miftiehem.*

"*Sakemm dan isir, kwalsiasi spejjes relatati mal-manutenzjoni ordinarja tal-istess post, kif ukoll spejjes tal-utilitajiet li hemm fl-istess dar ghandhom jithallsu mir-rikorrenti."*

54. Fir-rigward tad-dar tal-Iklin, l-Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

"*55A.(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:*

"*(a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew*

"*(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*

"*(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:*

"*Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej:*

"*(a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu;*

"*(b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u*

> "*(ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*"

55. Huwa minnu li ma jirriżultax li l-attriċi għamlet talba *ai termini* tal-art. 55A tal-Kodiċi Ċivili. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi ħadet il-posizzjoni li l-qorti għandha tassenja d-dar lilha filwaqt li żewġha jħallas id-dejn u jieħu n-negozju.

56. L-ewwel Qorti ordnat li r-rikorrenti u wliedha għandhom jibqgħu jgħixu fil-fond sakemm it-tfal jilħqu l-istat tagħhom. Hu veru li ma qalitx espressament meta hu li t-tfal jilħqu l-istat tagħhom. Pero` evidenti li l-Qorti kienet qiegħda tirreferi għal meta l-aħħar wild isir maġġorenni. Dan hu evidenti mill-kliem li, *"In vista ta' dan, il-Qorti, li dejjem għandha l-interessi tal-minuri għal qalbha, tiddetermina li d-dar għandha tibqa' in komun........"*.

57. Il-konvenut jippretendi li d-dar għandha tinbiegħ minnufih kif ikkonkludiet il-perit legali. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm xejn x'iżomm lil din il-Qorti milli tgħid f'liema stadju kellu jsir il-bejgħ tad-dar, irrispettivament saritx talba skont l-Art. 55A(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili. Dan meħud ukoll in konsiderazzjoni li fid-dar qegħdin igħixu l-attriċi u żewġt itfal li għadhom minorenni.

58. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tvarja l-ordni ta' ħlas dwar il-kontijiet ta' self li għandhom isiru mill-konvenut, pero` bil-mod kif ser jiġi spjegat hawn taħt. Għalkemm iż-żewġ partijiet ħadu s-self flimkien (mingħand il-Bank of Valletta plc), hu evidenti li l-intenzjoni kienet li ser jitħallas lura mill-qligħ tal-konvenut ġialadarba hu biss kellu qligħ. M'hemmx provi li f'dak iż-żmien kien hemm xi ħsieb li l-attriċi ssib impjieg sabiex mill-qligħ jitħallas is-self li ħadu sabiex xtraw id-dar. Aktar minn hekk, fiż-żmien pertinenti, l-appellata kienet waslet biex twelled it-tieni wild tal-partijiet u l-appellant ħalliha tittrażloka fid-dar tal-Iklin waħidha flimkien ma uliedhom ta' eta` tant tenera biex tfendi għal rasha.

59. Minn dak li xehed Alan Camilleri (seduta 14 ta' Marzu 2016), l-aħħar pagament fuq il-*house loan* sar f'Jannar 2012. F'dak l-istadju kien fadal bilanċ ta' €115,028.18.[19] Il-fatt li l-pagamenti ma baqgħux isiru mill-konvenut, wassal sabiex jitilgħu imgħaxijiet konsiderevoli fuq il-bilanċ. Dan mingħajr ebda ħtija tal-attriċi. Hekk ukoll hemm *bridge loan* li skont l-istess xhud qal li l-bilanċ dovut fuq dak is-self kien €109,670.58 (xehed fl-14 ta' Marzu 2016). Self li suppost tħallas lura fi żmien sentejn mir-rikavat tal-bejgħ tal-apartament numru 7, Halmann Court, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar.

[19] Fol. 322.

60. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, ma temminx li l-appellant ma baqax iħallas il-pagamenti kull xahar għaliex m'għandux minn fejn iħallas iżda pjuttost minħabba li hemm proċeduri ta' separazzjoni u m'huwiex igawdi d-dar.

61. Il-Qorti tordna li l-arretrati kollha tal-pagamenti dovuti sal-lum fuq is-self, jitħallsu mill-konvenut flimkien mal-imgħax li akkumula fuq dawk l-arretrati minħabba li l-konvenut naqas milli jħallas. Mil-lum 'il quddiem il-konvenut għandu xorta jibqa' jħallas il-pagamenti fix-xahar fuq is-self tal-bank sakemm tinbiegħ id-dar. Kull imgħax li jista' jkompli jakkumula minħabba n-nuqqas tal-konvenut li jagħmel pagamenti kull xahar, ikun ukoll a karigu esklussiv tiegħu peress li kienet l-inadempjenza tiegħu li wasslet għal dak l-imgħax żejjed. Mill-prezz ta' bejgħ tal-fond fejn tgħix l-attriċi ser ikollu l-ewwel jitħallas kwalsiasi bilanċ tas-self li jista' jkun għadu dovut lill-Bank of Valletta plc fil-ġurnata tal-bejgħ. Mill-bilanċ il-konvenut għandu jirkupra dawk il-pagamenti li jsiru dovuti lill-bank mil-lum 'il quddiem u li jkun hemm prova li jkun ħallas sad-data tal-bejgħ. Il-bilanċ jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet, wara li mis-sehem dovut lill-konvenut jonqos nofs:

i. It-total tal-pagamenti kull xahar li suppost għamel il-konvenut sal-lum fuq id-dejn mal-Bank of Valletta plc; u

ii. L-imgħaxijiet li akkumulaw fuq dawk il-pagamenti li l-konvenut naqas milli jagħmel fid-data meta kellhom isiru,

kemm fir-rigward ta' pagamenti li kellhom isiru sal-lum u wkoll wara;

Dak in-nofs għandu jmur lill-attriċi sabiex jagħmel tajjeb għal dak is-sehem mill-prezz tal-bejgħ li l-attriċi ser titlef minħabba l-inadempjenza tal-konvenut.

62. Fl-eventwalita` li l-konvenut jagħżel li ma jħallasx l-arretrati u l-pagamenti kif hawn ordnat, l-imgħax żejjed li jibqa' jakkumula fuq il-bilanċ ikun a karigu esklussiv tiegħu.

63. Rigward il-kontijiet bankarji, ma jidhirx li l-attriċi għandha oġġezzjoni li l-flus depożitati sad-data tas-sentenza appellata jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, b'dan illi filwaqt li kull kont f'ismijiet konġunti jingħalaq, il-kontijiet f'isem kull parti jiġu assenjati lil dik il-parti li f'isimha reġistrat il-kont.

64. Dwar il-kreditu parafernali, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "*Ir-rikorrenti tghid pero' li bhala sehemha qabel iz-zwieg kienet xtrat l-ghamara, l-appliances u zebghat il-post u ghamlet il-manutenzjoni li kien jehtieg. Tikkonferma li hallset il-kcina li swiet Lm4500 (ekwivalenti ghal €10,485), sufan u mejda minn Ideacasa ghall-valur ta' Lm1500 (ekwivalenti ghal €3,495, kmamar tas-sodda li kienu jiswew Lm2,500 (ekwivalenti ghal €5,825) minn Hacienda u spare bedroom li kienet taghha qabel iz-zwieg. Ghajr ghall-ispare bedroom, l-intimat jikkontendi li kienu xtraw kollox flimkien u jinnega dak li ssostni r-rikorrenti.*
>
> "*Missier ir-rikorrenti jikkonferma li kienu xtraw il-main bedroom u li binthom kienet xtrat il-bqija li semmiet. Kien ikun ahjar li r-rikorrenti pproduciet l-ircevuti ta' tali hlasijiet, madanakollu l-verzjoni taghha hija ssostanzjata u kredibbli u ghaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx mal-*

> *konkluzjoni tal-Perit Legali li l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti nofs l-ammont ta' dawn l-mobbli ghax dawn intraw qabel iz-zwieg b'flusha u ghalhekk qatt ma jistghu jiffurmaw parti mill-komunjoni. Ghaldaqstant jirrizulta li r-rikorrenti ghandha kreditu favuriha mill-komunjoni fl-ammont ta' Lm8500 (ekwivalenti ghal €19,805), kif ukoll l-ispare bedroom li llum tinsab fid-dar matrimonjali fl-Iklin u din ghandha tigi assenjata lir-rikorrenti."*

65. Evidenti li l-ewwel Qorti emmnet il-verżjoni tal-attriċi, korraborata minn missierha. Hu minnu li l-attriċi ma ppreżentatx riċevuti tal-ħlas, u lanqas ma ġew preżentati xhieda indipendenti biex jikkonfermaw dak li xehdet. Saħansitra f'nota ġuramentata preżentata fil-21 ta' Mejju 2009 kull ma qalet dwar mobbli li qegħdin fil-fond ta' San Pawl il-Baħar, hu li *".... għandha sehem mill-għamara tal-flat li kellu r-raġel qabel iż-żwieġ li jinsab San Pawl"*. Min-naħa tiegħu l-konvenut f'nota ġuramentata preżentata fl-14 ta' April 2010, kien iddikjara li l-mobbli li hemm fl-appartament inxtraw waqt iż-żwieġ. Pero` f'affidavit preżentat fil-bidu ta' Marzu 2010 kien qal li l-għamara kollha li semmiet l-attriċi, kienu xtrawha flimkien qabel iż-żwieġ bl-eċċezzjoni ta' spare bedroom li llum qiegħda fid-dar matrimonjali u li l-attriċi ħadet mingħand il-ġenituri tagħha.[20] Kif l-attriċi ma ppreżentatx riċevuti lanqas il-konvenut ma ppreżenta riċevuti. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni li għandha l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi.

[20] Fol. 67.

66. L-ilment rigwardanti <u>l-vettura FIAT 500 Abarth Sports</u> ifalli wkoll ġialadarba fis-sentenza appellata ma ġietx likwidata somma li l-attriċi għandha tirċievi mingħand il-konvenut.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell tal-konvenut billi tilqgħu sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019 billi:

i. Tordna li kif it-tieni wild jagħlaq tmintax-il sena l-manteniment dovut lill-appellata jonqos għal elf u ħames mitt euro (€1500) kull sena għaliha, ċioe` mija u ħamsa u għoxrin euro (€125) kull xahar. Il-manteniment ikun revidibbli kull tliet (3) snin skont l-awment fl-indiċi tal-inflazzjoni. Ovvjament bla preġudizzju għall-jedd ta' manteniment għat-tfal skont ma jipprovdi l-Art. 3B tal-Kodiċi Ċivili.

ii. Tordna li l-flus depożitati f'kontijiet bankarji f'isem iż-żewġ partijiet, jingħalqu u l-flus jinqasmu f'sehem ugwali bejn kull parti. Il-kontijiet bankarji reġistrati f'isem xi parti, qegħdin jiġu assenjati lil dik il-parti li f'isimha qiegħed il-kont;

iii. Tordna li fir-rigward tad-dejn li hemm mal-Bank of Valletta plc jsir dak li ntqal f'paragrafu 61 ta' din is-sentenza.

iv. Għall-kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

v. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal wieħed minn sitta ($^1/_6$) a karigu tal-attriċi u ħamsa minn sitta ($^5/_6$) a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr